MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2003

Numru 600/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Micallef Grimaud)**
**vs**
**Mark Privitera**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ 33 sena bin John u Violet nee’ Busuttil imwieled Pieta u residenti nru. 319 “Pepprina” Triq Patri A. Tonna Barthet, Pembroke, detentur ta’ karta ta’ identita numru 237063(M), akkuzat talli: fit-30 ta’ Gunju 2001 ghal habta tas-2.30pm gewwa Triq Patri A. Tonna Barther, Pembroke, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe’ offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Mario Zerafa, skond ma ccertifka t-tabib Dr. Anthony Gatt M.D. tal-Isptar San Luqa.

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali (folio 46) li bih deherlu illi mill-atti kompilati setghet tinstab htija (jew htijiet) kontra l-imputat taht l-artikoli tal-ligi minnu hemm citati;

Semghet ix-xhieda kompriz l-imputat bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat hu rinfaccjat bl-akkuza li kkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Mario Zerafa. Mill-provi jirrizulta li l-allegat reat sehh fit-30 ta' Gunju 2001 fil-kors ta' argument li nqala minhabba xi xoghol li l-imsemmi Zerafa kien qieghed jesegwixxi taht il-bankina faccjata tal-fond tieghu. Jghid fil-fatt li kien qieghed jaghmel ix-xoghol biex l-ilma ma jingabarx quddiem id-dar tieghu. L-imputat li joqghod bieb ma' bieb oggezzjona li isir dan ix-xoghol principalment ghaliex deherlu li b'hekk kienet ser tigi ostakolata l-'overflow' tal-bir u l-bitha tieghu.

Illi l-kwerelant ilmenta li hu gie aggredit mill-imputat u konsegwenza ta' dan garrab dislokatura fl-ispalla li kellha tigi medikata u marbuta. Stqarr li kellu jibqa biha marbuta ghall-tlett gimghat u dam sitt gimghat ma jmur ghax-xoghol minhabba li kien muguh. Esebixxa rapport mill-konsulent mediku tieghu, is-Sur C. Sciberras (Consultant Orthopaedic Surgeon) li kkonferma l-fatt li l-ispalla baqghet marbuta ghall-tlett gimghat u li kien qieghed isirlu trattament ta' fisjoterapija (folio 20 et seq). It-tabib Anthony Gatt, li assista lill-kwerelant l-Isptar, filwaqt li kkonferma l-islogatura fl-ispalla kien innotalu "xi grif fuq il-minkeb tal-lemin, fuq iz-zewg irkubtejn fuq quddiem, fuq il-gwejnah tad-dar fuq iz-zewg nahat, tbengila zghira fuq in-naha tax-xellug tal-mohh u xi hmura taht ghajnejh".

L-imputat minn naha tieghu stqarr li kien il-kwerelant li gie ghal fuqu jipponta kazzola fid-direzzjoni tieghu u hu iddefenda ruhhu.

Illi x-xhieda prodotti minn kull parti stqarrew il-posizzjoni rispettivi tal-partijiet.

Ikkonsidrat:

Li minn dan il-kwadru tal-fatti l-Qorti hi konvinta li kolutazzjoni bejn iz-zewg persuni involuti kien hemm. Pero l-provi tal-prosekuzzjoni, sakemm jirrigwardaw il-feriti gravi, ma tinsabx sodisfacjentement pruvata, filwaqt li kien jinkombi fuqha li tipprova l-akkuza. Il-provi tal-parti leza fil-fatt huma kontradetti mill-imputat u xhieda minnu prodotti. Fic-cirkostanzi ebda prova ma ssib kredenza aktar mill-ohra u d-dubbju ghandu jiffavorixxi lill-imputat.

Illi pero jirrizulta li l-kwerelant sofra feriti ta' natura hafifa. Il-Qorti hi f'dan il-kuntest sodisfatta li tali feriti gew lilu kkagjonati mill-imputat li mill-provi ghadu jirrispondi ghalihom applikabbli l-principju "dolus indeterminatus, determinatur ab exito".

Ghalhekk taqta u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tillibera lill-imputat mill-akkuzi li kkaguna feriti gravi, issibu hati li kkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' Mario Zerafa, reat minuri u involut. Rat l-Artikolu 221 tal-Kap 9 u tilliberah bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152.

--------------------------------TMIEM--------------------------------